

Appell ippreżentat fid-19 ta' Settembru 2017 mill-Ukraina mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) fid-19 ta' Lulju 2017 fil-Kawża T-348/14 DEP, Yanukovych vs il-Kunsill

(Kawża C-551/17 P)

(2018/C 022/26)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: L-Ukraina (rappreżentant: M. Kostytska, Advocate)

Partijiet oħra fil-proċedura: Oleksandr Viktorovych Yanukovych, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea

B'digriet tat-23 ta' Novembru 2017 il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) iddeċidiet li l-appell huwa inammissibbli.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgerichtshof (l-Awstrija) fit-2 ta' Ottubru 2017 – Bundesamt für Fremdenwesen und Asyl

(Kawża C-577/17)

(2018/C 022/27)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Verwaltungsgerichtshof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Bundesamt für Fremdenwesen und Asyl

Konvenuti: Clinton Osas Alake alias Klenti Solim, Cynthia Nomamidobo u Prince Nomamidobo

Domandi preliminari

- 1) L-Istat Membru rikjest – li jkun l-Istat Membru responsabbli skont il-kriterji msemmija fil-Kapitolu III tar-Regolament Dublin III ⁽¹⁾ – jista' effettivament jaċċetta t-talba għall-finijiet ta' teħid lura tal-persuna, imressqa skont l-Artikolu 23(1) tar-Regolament Dublin III, meta t-terminu għal tweġiba previst fl-Artikolu 25(1) ta' dan ir-regolament ikun diġà skada, u meta l-Istat Membru rikjest ikun diġà ċaħad preċedentement, fit-terminu mogħti, it-talba għall-finijiet ta' teħid lura u jkun anki wieġeb fin-negattiv, fit-terminu mogħti, għat-talba għal sħarriġ mill-ġdid skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni ⁽²⁾?

Fil-każ li r-risposta għall-ewwel domanda tkun fin-negattiv:

B'konsegwenza tar-rifjut, fit-terminu mogħti, tat-talba għall-finijiet ta' teħid lura mill-Istat Membru responsabbli skont il-kriterji msemmija fil-Kapitolu III tar-Regolament Dublin III, l-Istat Membru li jagħmel it-talba, li fih tkun tressqet l-applikazzjoni l-ġdida, għandu jeżamina din l-applikazzjoni sabiex jiżgura li kien hemm eżami tal-applikazzjoni minn Stat Membru b'mod konformi mal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Dublin III?

⁽¹⁾ Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jstabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (ĠU 2013, L 180, p. 31).

⁽²⁾ Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1560/2003 tat-2 ta' Settembru 2003 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 li jstabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi determinat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-asil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 200).